# Il-Mutilazzjoni Ġenitali Femminili...Tajjeb li tkun taf...

Ester hija tfajla li għaddiet mill- Mutilazzjoni Ġenitali Femminili (FGM). *"Il-ġenituri tiegħi qaluli li għandi ngħaddi mill-FGM biex insir mara matura. B'eċitament kbir qbilt...imma meta waslet il-ġurnata kont qisni nofsni mejta...bkejt ħafna. "*

Jaha, ta' 15-il sena, vjaġġat waħedha mill-Gambja lejn New York biex tiżżewweġ raġel li qatt ma kienet iltaqgħet miegħu qabel. Kien ftit wara li fiehmet li meta kienet tarbija għaddiet mill-FGM.

Bħal Ester u Jaha, aktar minn erba' miljun tifla kull sena huwa stmat li jgħaddu jew ikunu fir-riskju li ssirilhom l-FGM u jkollhom jgħixu ħajjithom bil-konsegwenzi.

Fis-6 ta' Frar, Malta tingħaqad mal-Ġnus Magħquda biex tqajjem għarfien kontra l-FGM li hija illegali f'Malta.

**X'inhi l-FGM?**

L-FGM tikkonsisti f'intervent għat-tneħħija parzjali jew totali tal-organi ġenitali femminili esterni jew ħsara permanenti oħra lill-organi ġenitali femminili għal raġunijiet mhux mediċi.

**Għala ssir FGM?**

Skont l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (l-WHO), l-FGM titwettaq għal raġunijiet li jvarjaw minn reġjun għal ieħor b'taħlita ta' fatturi soċjokulturali fi ħdan il-familji u l-komunitajiet differenti. Għal dawn il-komunitajiet l-FGM titqies proċess neċessarju fit-trobbija tal-bniet biex jippreparaw għall-ħajja adulta u ż-żwieġ.

Il-WHO tgħid li f'xi bnadi u minn xi daqqiet din il-prattika għandha għeruq fit-twemmin reliġjuż b'mexxejja reliġjużi li qegħdin jieħdu pożizzjonijiet differenti fir-rigward tal-FGM, b'uħud saħansitra jikkontribwixxu sabiex tieqaf din il-prattika.

**X'inhuma l-konsegwenzi tal-FGM?**

L-Għaqda Dinija tas-Saħħa tisħaq li l-FGM m'għandha l-ebda benefiċċji għas-saħħa u twassal għal kumplikazzjonijiet bħal uġigħ qawwi, xokk, emorraġija potenzjalment fatali, tetnu u diversi infezzjonijiet inkluż li tnaqqas il-pjaċir tal-att sesswali.

Kumplikazzjoniiet fit-tul jinkludu infertilità u ħsara fis-sistema riproduttiva, infezzjonijiet fil-kliewi, riskju ta' kumplikazzjonijiet fit-tqala, riskju akbar ta' mewt għat-trabi waqt il-ħlas, dipressjoni, trawma u ansjetà fost oħrajn.

**X'qed isir fuq livell Ewropew?**

Il-Kummissjoni Ewropea tqis l-FGM bħala vjolenza kontra n-nisa u hija impenjata li ttemm kull forma ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru fosthom din il-prattika.

Dan l-impenn huwa deskritt fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet Umani u d-Demokrazija 2020-2024, fl-Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2020-2025, fit-Tielet Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru, u fl-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal.

F'dan il-kuntest għalhekk, l-Unjoni Ewropea qed taħdem biex l-FGM ma tibqax issir kemm fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll f'pajjiżi oħrajn.

**Xi tgħid il-liġi f'Malta?**

L-FGM hija illegali f'Malta. Jista' jinstab ħati kull min:

- għal raġunijiet li ma jkunux mediċi, jagħmel operazzjoni jew iwettaq xi intervent fuq l-organi ġenitali ta' mara, u jikkawża ħsara jew iġib tibdil permanenti fuq dawk l-organi.
- jgħin, iħajjar, jagħti parir, iħabrek, jew jisforza mara sabiex taqta', tinfibula jew b'xi mod ieħor timmutila l-organi ġenitali tagħha kollha jew xi parti minnhom.
- jonqos milli jevita, permezz ta' lment formali jew b'xi mod ieħor, mutilazzjoni tal-organi ġenitali ta' mara, u jikkawża l-mewt ta' vittma.

**X'għamlet u x'inhi tagħmel l-NCPE f'dan ir-rigward?**

L-NCPE fl-2015 ippubblikat riċerka dwar l-FGM f'Malta bħala parti minn proġett ko-finanzjat mill-UE intitolat 'Forms of violence in Malta - a gender perspective'.

Din ir-riċerka tat ħarsa lejn il-bżonnijiet tan-nisa li jgħixu Malta li esperjenzaw l-FGM. Rat ukoll l-bżonnijiet ta' dawk li jipprovdu l-kura tas-saħħa lil dawn in-nisa.

Abbażi ta' din ir-riċerka, ġew stampati żewġ fuljetti informattivi, wieħed għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa u l-ieħor għan-nisa migranti.

Il-fuljetti jfissru l-liġi Maltija waqt li juri r-riskji u l-perikli tal-FGM. Il-fuljetti jinkludu wkoll tagħrif dwar kif jistgħu jsiru rapporti lill-awtoritajiet f'każijiet meta jkunu ser isiru jew saru interventi ta' FGM.

L-NCPE minn żmien għal żmien tagħmel kampanji ta' għarfien dwar l-FGM kemm fuq il-midja tradizzjonali kif ukoll fuq il-midja soċjali.

F'intervista li saret is-sena l-oħra mill-NCPE, Maali Boukadi fissret l-esperjenzi tagħha dwar il-problema tas-saħħa ta' nisa u bniet migranti li kienu vittmi tal-FGM li ltaqgħet u ħadmet magħhom bħala Staff Registered Nurse f'karriera ta' 14-il sena.

Huwa inkoraġġanti li fl-aħħar 25 sena, naqset il-prevalenza tal-FGM madwar id-dinja. Illum, tifla għandha terz inqas ċans li tgħaddi mill-FGM meta imqabbel mas-sitwazzjoni li kien hemm 30 sena ilu.

L-FGM hija ksur tad-drittijiet umani tal-bniet u n-nisa. Għaldaqstant, jeħtieġ li nkomplu nqajmu iktar kuxjenza dwar l-FGM u dwar forom differenti ta' vjolenza fuq in-nisa u l-bniet u nieħdu iktar azzjonijiet sabiex din il-vjolenza tieqaf.

*Għal aktar informazzjoni tista' tagħmel kuntatt mal-NCPE fuq 2276 8200, equality@gov.mt jew fuq il-pjattaformi tal-midja soċjali tal-NCPE (Facebook, Instagram u Twitter - NCPE.Malta)*

**2 ta' Frar 2024**